Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 535/2013

Il-Pulizja

(Spettur Stephen Saliba)

Vs

Maria Dolores Debono

Paul Debono

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Maria Dolores Debono, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 103457M u Paul Debono detentur tal-karta tal-identita bin-numru 103457M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-21 ta' Settembru, 2011 u fix-xhur ta qabel, gewwa Tas-Sirena, Bahrija, limiti tar-Rabat, Malta bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, fixklu lil Nazzareno u Innocenza Gauci fil-pussess ta' hwejjighom jew b'xi mod iehor kontra l-ligi ndahlu fi hwejjighom, art. 85, Kap 9.

U aktar talli Paul Debono wahdu talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nhar l-20 ta' Settembur, 2011 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel (Art. 85, Kap. 9).

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli jghati l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lil imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art. 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra milli taghti l-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna lil imputati inehhu kull disordni jew inkonvenjent ghas-spejjez tal-hati skond l-Art. 377 (5) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-19 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50 u 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li sabet lill-imputati Maria Dolores Debono u Paul Debono hatja tal-akkuza ta' ragion fattasi u talli huma recidivi u ikkundannathom multa ta' mitejn u hamsin (€250 Ewro kull wiehed.

Oltre dan ordnat li ai termini tal-Artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lill-imputati sabiex inehhu kull dizordni u/jew inkonvenjent li permezz teighu sar dan ir-reat u ghandhom in oltre jikkonformaw ruhom mal-ligi fi zmien xahar minn dakinhar tas-sentenza u fin-nuqqas jehlu ammenda ta' ghaxar ewro (€10) kull wiehed kuljum ghal kull gurnata li matula jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jhallsu l-ispejjez konnessi ma' hatra ta' esperti stante illi f'din il-kawza ma gewx nominati esperti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Maria Dolores Debono u Paul Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 2013, fejn talabu lil din il-Qorti:

1. Tilqa' dan l-appell fis-sens illi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-akkuza migjuba kontra taghhom u tilliberhom minn kull imputazzjoni, htija u piena;
2. F'kaz illi din it-talba principali tigi michuda u tigi konfermata s-sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti fejn l-appellanti nstabu hatja

"talli huma recidivi" u tilliberhom minn tali imputazzjoni stante illi din ma gietx pruvata;

3. F'kaz illi t-talba principali biex l-appellanti jigi liberati minn kull imputazzjoni u htija ma tigix akkolta, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena, billi timmitiga l-piena inflitta u tikkancella l-ordni moghti lill-appellanti sabiex inehhu kull dizordni u/jew inkonvenjent li permezz tieghu sar dan ir-reat u jikkonformaw ruhhom mal-ligi fi zmien xahar mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas ghandhom jehlu ammenda ta' ghaxar Ewro (€10) kull wiehed kuljum ghal kull gurnata li matulha jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, minkejja li t-tifsira li tat l-Ewwel Qorti rigwardanti l-elementi ta' ragion fattasi taht l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija ineccepibbli, pero' mbghad il-provi prodotti certament ma jwasslux ghal-konvinciement lil hinn minn kull dubbju ragionevoli tal-element tal-pussess li huwa mehtieg *advalidatem* biex persuna jinstab hati ta' ragion fattasi. Huwa principju pacifiku illi l-mera tolleranza ma taghti ebda pussess u l-fatt li wiehed iwaqqaf mera tolleranza moghtija minnu stess ma jammontax ghal ragion fattasi. Jerga' jigi ribatdit illi ma saret ebda prova lil hinn minn kull dubbju ragionevoli li l-kwerelanti kellhom il-pussess tal-passagg in kwistjoni u dan anke in vista' taxs-xhieda moghtija minn dak li xehed Vincent Mifsud li jispjega li Nazzareno Gauci ma kienx jaghmel uzu minn dak il-passagg hlief ghal dawk l-okkazjonijiet rari li kien jitlob permess lill-imputati u b'rea tolleranza kienu jikkoncedulu li f'dawk il-ftit drabi huwa jghaddi mill-imsemmi passgagg. Illi li gara huwa li l-kwerelant approfitta mit-tjuija tal-appellanti u peress illi sabu iktar komdu jghaddi minn dan il-passagg anki invista tal-fatt li kien qed ikollu l-glied ma' Paul Saliba, huwa qieghed jippretendi li jibqa' jghaddi mill-imsemmi passagg li jappartjeni lill-appellanti mighajr ebda dritt stante li l-appellanti

m'ghandux pjacir li jkomplu jawtorizzawh u jittollerawh li jaghmel dan. Il-fatt li l-kwerelant ma kellu ebda dritt li jghaddi minn fuq ir-raba' tal-appellant jemergi bic-car enke mill-kuntratt tal-akkwist li huwa ezebit in atti fejn huwa ddikjara li r-raba' tal-appellanti hija hielsa minn kull servitu' liema fatt huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Vincent Gilson (Rapprezentant tal-Gvern) fejn anki pprezenta ittra datata 4 ta' Awwissu, 2009 minnu stess lill-kwerelant fejn jghid "Skond dan il-kuntratt dan ir-raba gie mibjugh '*liberu u frank*' u ghalhekk dan jikkonferma li ma setax kien hemm dritt ta' passagg. Ghalhekk servitu ta' passagg qatt ma kien hemm izda kien hemm biss il-mera tolleranza da parti tal-appellanti li jippremettu lill-kwerelant jghaddi minn fuq ir-raba taghhaom meta kien jitlobhom permess minhabba li ma setax ikompli jghaddi minn fejn kien jghaddi qabel minhabba fl-inkwiet li kellu ma' Paul Saliba. Huwa importanti li jigi rilevat li l-appellanti riedu jixhdu f'dawn il-proceduri biex jikkonfermaw dan kollu izda l-Ewwel Qorti m'awtorizzathomx jaghmlu dan peress li kien lahaq xehed Vincent Gilson in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Artijiet li teknikament gie mnizzel bhala xhud tad-difiza u ghalhekk gew prekluzi milli jixhdu peress li kienu diga' ressqu xhud 'taghhom' minkejja illi dan kien xhud kompletament indipendenti rapprezentat ta' dipartiment governattiv u li l-appellanti kienu taht l-impressjoni li kien tressaq mill-Prosekuzzjoni.

Illi fit-tieni lok, sussidjarjament u minghajr pregudizzju, b'referenza ghal parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet li l-imputati huma t-tnejn recidivi, jigi rilevat illi fl-ewwel lok, ma setghetx tinstab ir-recidiva ladarba s-sentenza pprezentata mill-Prosekuzzjoni fil-konfornt tal-imputati ma gietx ikkonfermata mill-ufficjal prosekutur li kien segwa dawk il-proceduri u fit-tieni lok u sussidjarjament ghal dak li ghadu kemm gie espost fir-rigward ta' Maria Dolores Debono ma kienx hemm sejbien ta' htija u ghalhekk ma tista' tapplika r-recidiva.

Illi fit-tielet lok, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju, b'riferenza ghall-piena inflitta il-multa ta' mitjen u hamsin ewro (€250) kull wiehed hija fic-cirkostanzi tal-kaz wahda esagerata mentri fir-rigward ghall-ammenda ta' €10 kuljum inflitta lill-esponenti, jigi rilevat illi hemm kawza civili fl-ismijiet 'Maria Dolores Debono et

vs Nazzareno Gauci et' (189/12JZM) li propju tirrigwarda t-titolu tal-esponenti u n-nuqqas ta' jedd da parti tal-konventuti li jippretendu passagg fuq propjeta' tal-esponenti, u ghalhekk ikun ingust jekk l-esponenti jkunu kundannati jhallsu ammenda ghal kull jum li matulha ma jsirux ix-xogholjiet ordnati mill-Qorti meta hemm l-eventwalita' li l-kwerelanti ma jkollha ebda titolu li jaghmlu uzu mill-passagg li qed jippretendu dritt fuqu u ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti din l-ammenda ma ghandiex tapplika.

Ikkunsidrat,

Illi il-din il-Qorti minnufih tistqarr illi ma tarax illi ghandha ghalfejn tiddilunga fuq dan l-appell. Dan ghaliex b'sentenza moghtija mill-Qorti Civili tal-Prim'Awla fis-26 ta' Mejju 2016, jidher illi l-*vexata quaestio* li wasslet lill-ko-litigandi jirrikorru ghal diversi proceduri quddiem il-qrati sew penali sew civili illum giet risolta permezz ta'l-imsemmi gudikat. Dan meta gie deciz hekk:

***"Din il-Qorti ma gietx moghtija provi tal-esistenza ta' titolu ta' passagg minn fuq l-art ta'l-atturi (***l-appellanti odjerni***) permezz ta' kuntratt. Lanqas ma tressqet prova li l-art tal-konvenuti (***l-parti leza***) hija interkjuza mqar b'mod relattiv. Kif lanqas ma tressqet prova inkonfutabbli li l-konvenuti ilhom ighaddu minn fuq l-art ta'l-atturi ghal aktar minn tletin sena ghal fini tal-preskrizzjoni akkwizittiva.[1]"***

Ghandhom ragun mela l-appellanti meta jikkontendu illi din is-servitu qatt ma kienet tiggrava fuq il-proprjeta taghhom. Isostnu illi meta l-parti leza kienu ighaddu minn hemm sabiex jaccedu ghar-raba taghhom, dan ghamluh dejjem bil-permess taghhom u mhux ghaliex kienu igawdu xi jedd f'dan is-sens. Jishqu ghalhekk illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fihom ghar-reat ta' *raggion fattasi* billi bix-xogholijiet maghmula minnhom f'dan l-allegat passagg, huma ma setghu qatt ifixxklu lill-parti leza f'xi tgawdija ta' xi jedd fuq dan il-passagg billi dan il-jedd qatt ma kien jezisti, kif lanqas kien ezistenti ebda forma ta' tgawdija jew pussess fuq l-istess. Issa irid jinghad illi fejn si tratta tar-reat ta' *ragion fattasi*,

[1] Ara Dokument MA a fol.126 ta'l-atti

*"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni civili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili - izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita` pubblika. Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*[2]*"*

Illi fil-fatt ghallkemm jidher illi din il-kwistjoni dwar id-dritt tal-passagg fuq il-proprjeta ta'l-appellanti kienet ilha ghaddejja sa mill-2009, l-appellanti iddecidew illi jintavolaw kawza civili ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza biss fl-2012. Sa dak iz-zmien l-parti leza kienu qed jinsistu illi huma igawdu dritt ta' passagg u li kienu allura qed jaghmlu uzu regolari mill-istess moghdija. Jidher illi l-appellanti f'iktar minn okkazzjoni wahda ippruvaw ifixkluhom fit-tgawdija ta'l-istess u sahansitra saru diversi kwereli mill-parti leza apparti dik koncernanti l-proceduri odjerni. Kien biss wara sahansitra li kienu inbdew dawn il-proceduri illi l-appellant irrikorrew ghand l-awtorita gudizzjarja sabiex tkun din illi tiddetermina din il-pendenza. Dan ifisser allura illi l-appellanti meta kienu qed jostakolaw lill-parti leza milli juzaw dan il-passagg mertu tal-kaz, ghalkemm gie deciz finalment permezz tad-decizjoni hawn fuq citata illi fil-fatt l-parti leza ma ghandhom l-edba dritt ta' passagg u li kwindi l-proprjeta ta'l-appellanti ma hi soggetta ghall-ebda servitu ta' passagg favur taghhom, kienu qeghdin juzurpaw b'mod unilaterali dak li huwa fdat f'idejn l-awtorita pubblika.

Dan ghaliex jibqa' l-fatt li huma ddisturbaw l-*istato quo* li kien raggunt bi ftehim bejnhom w bejn il-kwerelanti dwar dan l-access fejn mhux ikkontestat illi l-parti leza kienu juzaw dan il-passagg b'mod regolari specjalment wara illi huma twaqqfu

---

[2] App.Krim. Il-Pulizija vs Anthony Micallef (deciza 30/07/2004)

juzaw il-passagg li kienu igawdu minn fuq proprjeta ohra ta' certu Pawlu Saliba li mieghu kellhom ukoll xi kwistjonijiet. Dana l-appellanti allura ghamluh b'mod unilaterali u "di proprio braccio" meta fil-fatt dan l-access ma setax jigi varjat unilateralment, imma se mai, gjaldarba il-parti leza kienu qed jinsistu fuq il-jedd taghhom, l-appellanti messhom irrikorrew (kif fil-fatt ghamlu finalment) quddiem il-Qorti civili kompetenti biex tirregola l-materja hi. Illi indubbjament il-kwerelanti sa' meta l-appellanti iddecidew xort' ohra, kellhom t-tgawdija tal-access u li huma gew spoljata minn din it-tgawdija. Il-fatt li l-appellanti isostnu li kellhom dritt li jaghmlu dan ma jiskolphomx, imma hu proprju wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat tar-ragion fattasi.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi d-decizjoni fil-mertu ta'l-Ewwel Qorti ma ghandhiex tigi iddisturbata. Biss billi illum hemm pronunzjament gudizzjarju dwar il-fatt illi l-parti leza ma igawdu l-ebda dritt ta' passagg minn fuq il-proprjeta ta'l-appellanti l-Qorti tqies illi hemm lok ghall-varjazzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qieghda tvarja id-decizjoni impunjata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet htija ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghhom, tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-appellanti b'mod inkondizzjonat u ghalhekk tirrevoka id-decizjoni impunjata fil-bqija.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur